# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sittax (16) ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 24/12 FDP**

**Joseph Cauchi (ID 23238M) u Annie Cauchi (ID 613203M) u, wara digriet tal-10 ta' April 2015, l-atti gew trasfuzi fuq Annie Cauchi wara il-mewt ta' Joseph Cauchi**

**vs**

**Luke Sammut**
**(ID 94292M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur tar-rikorrenti ippresentat fid-19 ta' Jannar 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-20 ta' Marzu 2011, bejn il-vettura BAF905 misjuqa minn Joseph Cauchi u l-vettura BBW639 misjuqa mill-intimat, talbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli tal-incident, rizultat tat-traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan, u ghalhekk tikkundannah ihallas is-somma ta' sitt elef, tmien mija u hamsa u tmenin Euro (€6,885) rappresentanti danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-incident.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fil-15 ta' Frar 2012 fejn, filwaqt illi ammetta r-responsabbilta' ta' l-incident fuq indikat, kien qieghed jikkontesta d-danni reklamanti mir-rikorrenti filwaqt illi insista illi ma kellu jbaghti ebda spejjez gudizzjarji.

Rat l-affidavit ta' **Annie Cauchi** ippresentat fit-13 ta' Marzu 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni hemm annessa.

Semghet ix-xhieda ta' **Gloria Mangion**, bint ir-rikorrenti, moghtija fit-12 ta' Lulju 2012 u fit 12 ta' Novembru 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fit 8 ta' Frar 2013 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet il-kontro ezami ta' Gloria Mangion moghtija fit 22 ta' Marzu 2013.

Rat illi fil 11 ta' Novembru 2013 gie ppresentat il-file ta' l-Isptar Mater Dei tar-rikorrenti Giovanna Cauchi in rigward l-incident meritu tal-kawza odjerna.

Rat illi fl-10 ta' April 2015, wara rikors ta' Giovanna Cauchi, saret it-trasfuzjoni tal-atti tar-ragel taghha Joseph Cauchi, f'isimha, wara il mewt tieghu.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Mr Ray Gatt**, konsulent kirurgu, prodott mill-intimat u moghtija fit-8 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fit-12 ta' Novembru 2015 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonjiet bil-miktub tar-rikorrenti ippresentati fit-18 ta' Jannar 2016.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimat ippresentati fl-14 ta' Marzu 2016.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fl-20 ta' Marzu 2011 sehh incident bejn il-vettura misjuqa mir-rikorrent Joseph Cauci, BAF905 u il-vettura BBW 639 misjuqa mill-intimat Luke Sammut, ghal liema incident l-intimat ammetta r-responsabbilta, kif jidher fl-eccezzjonijiet minnu mressqa (fol 6)

Jirrizulta illi fil-vettura BAF 905 misjuqa minn Joseph Cauchi, illi dak iz-zmien kellu 83-il sena, kien hemm mieghu martu Annie Cauchi, illi dak iz-zmien kellha 81-il sena.

Jirrizulta illi, ghalkemm il-Pulizija, fir-rapport taghhom indikaw illi l-griehi sofferti min Anne Cauchi kienu "*slight*" (fol 34), irrizulta illi hija kellha ksur ta' saqajha li wassal sabiex tigi operata gewwa Mater Dei u, wara illi saqajha giet iddrittata, dina tiqieghdet fil-gibs minn saqajha sa' qaddha, liema gibs hija kellha zomm ghal mhux anqas minn erbgha gimghat.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm il-Pulizija, fir-rapport taghhom, indikaw illi Joseph Cauchi ma sofra ebda griehi, irrizulta illi attwalment huwa sofra ksur f'idejh rizultat ta' l-incident.

Jirrizulta illi l-ghada, r-rikorrenti Annie Cauchi giet rilaxxjata mill-Isptar u ttiehdet gewwa l-Isptar Saint James fejn regghet giet ezaminata mit-tobba, u gie stabbilit illi l-gibs ma kienx sufficjenti sabiex ir-rikorrenti tfiq (fol 29) u hija kellha, din id-darba, tigi operata kirugikament sabiex, flok il-gibs, isirlha intervent biex isahhah l-ghadam illi kienu nkisru bir-rizultat illi l-mobilita' ta' l-istess rikorrenti setghet titjieb fi zmien qasir hafna u mhux f'aktar minn erbgha gimghat, kif kien qabel.

Jirrizulta illi, sussegwentement, lir-rikorrenti saritilha l-intervent kirurgiku u eventwalment giet rilaxxjata mill-Isptar St James fit 28 ta' Marzu 2011.

Jirrizulta illi inizzjalment l-Isptar St James hareg kont ghas-servizzi resi ta' €9,044.36, kif jidher fid dokument esebit mit-tifla tar-rikorrenti, Gloria Mangion, a fol 54, izda eventwalment, meta dana il-kont gie kkontestat mill-istess Mangion, dana gie rivedut ghall €6,774.76, kif jidher fid dokument esebit a fol 14.

Jirrizulta wkoll illi sussegwentement thallset ukoll is-somma ta' €48.24 f'medicini u €60 ghal konsulta mat-tabib kirurgu li operata, Dr Massimo Abela , li jidhru a fol 17 u 18 tal-process.
Jirrizulta illi sussegwetement, l-intimat irrifjuta li jhallas dawna l-ammonti kif mitluba, bir-rizultat illi r-rikorrenti ma kellhom ebda soluzzjoni ohra ghajr illi jipprocedu bil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mis-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijet, illi, filwaqt li r-responsabbilta' ta' l-incident da parte ta' Luke Sammut qieghed jigi ammess, l-intimat qieghed jikkontesta d-danni pretizi peress illi qieghed jikkontendi illi ma humiex danni rizultat dirett ta' l-incident li tieghu huwa ammetta r-responsabblita'.

Jirrizulta, mill-provi kollha prodotti u fatti kif fuq spjegati, li minn imkien ma jirrizulta illi dak miltub mir-rikorrenti ma ghandhux konnessjoni **diretta** mal-incident illi kkawza l-intimat rizultat ta' nuqqas tieghu.

Jirrizulta illi lir-rikorrent Annie Cauchi, saritilha "*installazzjoni*" ta' gibs ma' saqajha kollha rizultat ta' ksur li sofriet wara l-incident.

Jirrizulta, madanakollu, illi tali "*installazzjoni*" ma kienetx ser tghinha tfiq fi zmien qarib, anke in vista ta' l-eta avvanzata taghha, u ghalhekk saritilha operazzjoni ohra fejn, minflok, tnehhitilha l-gibs u saritilha operazzjoni differenti intiza sabiex issahhilha saqajha filwaqt illi tagevolaha fil-muviment taghha, dejjem tenut kont ta' l-eta avvanzata taghha.

Ghalhekk, il-Qorti ma tista' tifhem b'liema tip ta' imaginazzjoni seta' qatt l-intimat (jew min kien ser ihallas ghalih) jipprova jargumenta illi l-kont li taghha l-intimata kienet qieghda tippretendi l-hlas ma kienx "*konsegwenza diretta tal-istess incident*" kif stqarrew fl-eccezzjonijiet tieghu.

Kif sewwa qal l-intimat fis-sottomissjonijiet tieghu meta kkwotat il-kawza 'Tufigno vs Micallef noe'':

> *"l-attur ghandu, kemm jista jkun, jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara"*

Huwa fatt illi, rizultat ta' l-incident, r-rikorrent qatt ma hija ser tigi mqieghda lura fl-istess posizzjoni illi hija kienet qabel l-incident, fatt accentwat ukoll minhabba fl-eta taghha.

Madanakollu, huwa fatt ukoll illi, li taghmel operazzjoni sabiex tipprova, b'xi mod, treggha lura l-mobilita' taghha mill-aktar fis possibbli ma jistax qatt jitqies bhala "*vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux mishoqq*", kif stqarret il-Qorti fil-kawza '**Degiorgio vs Da Crema**'' kkwotata mill-intimat.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm aktar possibbilta illi kien l-intimat illi ha vantagg meta mhux misthoqq, meta l-Pulizija, fir-rapport taghhom, indikaw illi l-griehi kienu "*slight*" meta jidher ben car illi mhux talli ma kienux "*slight*" imma li kienu certament gravi u, "*per durata*", fatt illi, kieku rappurtat kif misthoqq, kien certament jwassal ghall konsegwenzi ohra.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda raguni ghalhiex ghandha tilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet u rat il-provi kollha prodotti,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talbiet attrici, u ghalhekk,

**Tiddikjara** lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-20 ta' Marzu 2011, bejn il-vettura BAF905 misjuqa minn Joseph Cauchi u l-vettura BBW639 misjuqa mill-intimat Luke Sammut kif minnu ammess;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-incident fuq imsemmi, kif mitluba fir-rikors promotur, fl-ammont ta' sitt elef, tmien mija u hamsa u tmenin Euro (€6,885), u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti Annie Cauchi is-somma ta' sitt elef, tmien mija u hamsa u tmenin Euro (€6,885).

Spejjez kif mitluba u imghax mid-data tal-presentata tal-avviz promotur sad-data tal-pagament effettiv kollha a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur